## Kunsill Lokali Mellieħa

## <u>L-Estimi Annwali</u>

## 2014

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| Ħarsa Ġenerali u Taqsira | 1 |
| L-Estimi tad-Dħul u l-Infiq | 5 |
| L-Estimi ta' l-Infiq Kapitali | 14 |
| L-Estimi tal-Flus Kontanti (*Cash Budget*) | 15 |

## 1.1. Ħarsa Ġenerali u Taqsira

Is-sena 2013 kienet taħbat il-ħames u l-aħħar waħda fil-mandat tas-sitt Kunsill. Billi l-elezzjoni kienet f'Marzu, l-ewwel kwart tagħha kien amministrat mill-Kunsill preċedenti, filwaqt li b'effett mill-1 ta' April beda l-mandat tal-Kunsill attwali. Is-sena li għaddiet kienet waħda kkaratterizzata bil-konklużjoni ta' diversi proġetti kapitali, kemm f'dawk li huma xogħlijiet, kif ukoll pagamenti relatati magħhom. Hekk li nistgħu ngħidu li l-pjan ta' ħidma tas-Seba' Kunsill ser ikun rifless fl-estimi tas-sena finanzjarja 2014. Fil-perjodu April/Diċembru 2013, il-Kunsill kien ferm attent li ma jidħolx f'*committments* ġodda sakemm onora dawk prevalenti. Għalkemm is-sitwazzjoni ma kinitx waħda ta' defiċit, intlaħaq ftehim mal-kredituri biex il-pagamenti jsiru gradwalment u hekk ma tiddagħajjifx il-likwidita` li tista' taffettwa n-nefqa rikorrenti. Bl-effett ta' din il-miżura, is-sitwazzjoni finanzjarja tjiebet b'mod sinifikanti partikularment meta daħlu fondi dovuti mill-Gvern Ċentrali, relatati mal-Proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (€35,558); Ġnien Ħidmet il-Volontarjat (€14,745); il-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ (€77,913); u l-Iskema tal-Attivitajiet Kulturali (€20,000).

Minkejja li l-attivita` f'dik li hija proġetti kapitali ġodda kienet nieqsa matul l-2013, min-naħa l-oħra kienet waħda npenjattiva f'sejħiet għall-offerti li jinvolvu s-servizzi li obbligat li jirrendi l-Kunsill, hekk li ngħataw kuntratti li kienu jinvolvu:

- Xiri ta' poloz ta' assikurazzjoni li jkopru l-operat tal-Kunsill;
- Servizz ta' Tindif ta' Toroq Urbani;
- Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku;
- Servizz ta' Kustodju għall-Park tal-Familja;
- Installazzjoni ta' sistema dwar CCTV fl-Irziezet ta' Selmun;
- Studju dwar is-sitwazzjoni tal-biomass li jiġi ġġenerat f'Malta, Ragusa u Siracusa bħala parti mill-Proġett PIM EnergEthica ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-programm operattiv Italia/Malta;
- Servizz dwar il-Ġbir ta' Skart Goff; u
- Kiri ta' Tinda b'rabta mal-attivitajiet ta' Milied Mellieħi 2013.

Tliet snin ilu dħalna f'*private public partnership* li jorbot il-Kunsill, il-Gvern Ċentrali, flimkien mal-kuntrattur Central Asphalt Ltd biex jitwettaq ir-*resurfacing* ta' Triq l-Armier, li kien jinvolvi wkoll il-kostruzzjoni ta' bankini. Permezz ta' dan il-ftehim, il-Gvern Ċentrali iffinanzja 30% tal-ispiża totali, filwaqt li l-Kunsill qed jagħmel tajjeb għall-bqija permezz tal-fondi ordinarji tiegħu. Nistgħu ngħidu li permezz ta' dan il-*partnership*, il-Kunsill qed jissellef somma flus li tintradd lura fuq medda ta' disa' snin. L-ewwel fażi ta' dan il-proġett tlestiet f'Ġunju 2011 u swiet €379,000, filwaqt li t-tieni u l-aħħar fażi tlestiet f'Ġunju 2012 u swiet ftit aktar minn €357,000. Bejn din is-sena u s-sena 2020, il-Kunsill għad fadallu jgħaddi kwart ta' miljun Ewro lill-kuntrattur.

Il-Kunsill attwali qed jippjana l-iżvilupp ta' post ieħor ta' rikrejazzjoni fiż-żona ta' *Mellieħa Heights*, preċiżament fil-qatgħa li hemm bejn Triq l-Etna, Triq Mons. Franġisk Xuereb u Triq l-Għasel. Din hija art li tappartjeni lill-Kurja, li skont il-Pjan Lokali ma tista` tintuża għal xejn ħlief għal skop ta' rikrejazzjoni. Saret sejħa pubblika għall-proposti dwar kif għandha tiġi żviluppata din l-art. Ċerti aspetti mit-tliet disinji

sottomessi ġew addottati u approvati mill-Kunsill, u tressqet applikazzjoni lill-MEPA. Il-proġett huwa stmat li jiġi jiswa madwar €330,000.

Għalkemm ix-xogħol fuq il-Park tal-Familja ntemm tard fl-2012, kellu jsir xogħol fl-art tal-multi-*purpose court*, biex jiġi eliminat diffett li kien hemm fil-*membrane* tal-art li kien qed jikkawża dħul tal-ilma fid-*dressing rooms* li hemm taħtu. Ma kienx ikun f'loku li post illi huwa daqshekk iffrekwentat mill-pubbliku, jitħalla espost għall-vandaliżmu jew użat ħażin. Għaldaqstant tqabbad kustodju sabiex jara li ma jsirx dan, kif ukoll li l-faċilitajiet kollha li fiħ dan il-kumpless jinżammu fi stat tajjeb ta' indafa. Għalkemm dan is-servizz qed jingħata matul parti sostanzjali mill-ġurnata, mhux possibbli li jingħata l-ħin kollu u bħala miżura ta' sigurta`, il-Kunsill ser jara li tiġi installata sistema ta' *CCTV* li diġa saru t-tħejjijiet għaliha waqt il-kostruzzjoni.

Kmieni fl-2013 ġie inawgurat il-*heritage trail* li d-dħul tiegħu huwa minn Triq ir-Raded fil-Manikata. Dan kien jinvolvi r-restawr ta' ġiren, bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ, tabelli informattivi, eċċ. In-nefqa fuq dan il-proġett kienet tammonta għal €45,175. Dan forsi jista' jintrabat ma' attrazzjoni oħra li hemm fl-istess akwati – dik tal-Park tal-Majjistral, li qed jiġbed numru ta' viżitaturi, minn tfal tal-iskola sa żjarat organizzati għall-adulti.

Biex jikkumplimenta x-xogħlijiet li saru f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, il-Kunsill jemmen li ċ-ċentru storiku għandu jkompli jiġi mżejjen bil-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni bil-*porfido* biex jiġi biċċa waħda mal-Bitħa tas-Santwarju u l-imsemmija pjazza. Il-Kunsill ser jara li jsir *upgrading* tat-turġien li jeżistu fil-qalba tal-Mellieħa l-antika, bħalma hija Triq San Publiju bejn Triq it-Tramuntana u Triq il-Kappillan Magri.

Saru wkoll applikazzjonijiet mal-MEPA biex isir it-tindif tal-*Defence Post* tat-Tieni Gwerra Dinjija fi Triq l-Għollieqa, u oħra biex tiġi irrestawrata l-Għajn tal-Mellieħa u ħajt li qed iżomm it-taraġ li jgħaqqad Triq Dun Franġisk Sciberras ma' Triq il-Marfa. Saret ukoll applikazzjoni mal-MEPA dwar ir-restawr tat-Torri l-Abjad li ukoll waqa' fl-abbandun fl-aħħar snin. Il-Kunsill jemmen li biex dan il-proġett ikun sostenibbli, jeħtieġ li ssir sejħa pubblika għall-interess biex tinstab organizzazzjoni li tkun tista' tiftħu għall-pubbliku fuq l-istess linji li sar fil-każ tax-Xelter tat-Tieni Gwerra u l-Batterija ta' Westreme.

Il-proġett tal-*heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ issa wasal lejn tmiemu f'dak li huwa restawr. Instensifikaw il-kuntatti mal-Fondazzjoni ARKEO bil-għan li tiftaħ dawn il-postijiet u tagħti tagħrif lill-pubbliku dwar is-sinifikat tagħhom. Dan huwa proġett kemmxejn estensiv u kien jirrikjedi finanzjament sostanzjali li stmat illi jlaħħaq 'il fuq minn €1,069,000 – spiża li tmur lill'hinn mill-mezzi li għandu l-Kunsill. Bix-xogħol li sar s'issa diġa tħallset 88% minn din is-somma. Dan il-proġett kien jibqa' ħolma biss li kieku ma kienx għall-finanzjament taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

F'Diċembru 2013 sar l-aħħar pagament relatat max-xiri tal-fond li jiġi biswit l-binja oriġinali tal-uffiċċju amministrattiv. L-ispiża totali biex ġie akkwistat il-fond telgħet għall-€245,472 li saret gradwalment fuq medda sentejn u ħames xhur, filwaqt li l-ispiża tar-*refurbishment* hija stmata li tlaħħaq 'il fuq minn €110,000.

Il-Kunsill jidhirlu li l-Manikata hija parti ntegrali fil-programm għall-iżvilupp u titjib tal-lokalita`. Għaldaqstant qed iħejji l-pjanti sabiex Misraħ il-Parroċċa quddiem il-Knisja ssir żona pedonali b'parkeġġ taħt l-art. Wieħed jittama li t-triq li tgħaddi biswit Ġnien iż-Żerniq u tiżbokka fi Triq Dun Manwel Grima titkompla u tibda tieħu traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet u hekk il-pjazza titħalla kwieta għad-dgawdija u s-sigurta` tan-nies li jiffrekwentaw il-knisja u l-*playing field*. Il-Kunsill jemmen li l-knisja tal-Manikata

għandha tingħata l-importanza li jixirqilha billi ssir sistema ta' *floodlighting* madwarha – proġett li huwa stmat li jlaħħaq €65,000.

Kif aċċennajt aktar qabel, irriżulta li minn proġetti mibdija qabel l-2013 kien hemm *commitments* li ammontaw għal kważi €338,700. Dawn kienu relatati mal-Park tal-Familja, il-*Floodlighting* tal-Knisja, l-akkwist u r-rinovar tal-uffiċċju amministrattiv, u l-asfaltar ta' Triq l-Armier, fost oħrajn. Illum nistgħu ngħidu li dawn l-obbligi ġew onorati, u l-Kunsill jista' jħares lejn l-implimentazzjoni ta' proġetti ġodda.

Ġew ivvutati €83,000 għall-attivitajiet kulturali. Biex dawn l-attivitajiet ma jkunux ta' piż finanzjarju fuq il-Kunsill, rajna li niksbu għajnuna mill-Gvern Ċentrali permezz tal-iskemi li ġew introdotti għal dan il-għan, kif ukoll minn entitajiet privati. Bejn Jannar u Diċembru 2013 il-Kunsill daħħal iktar minn €32,000 bħala *sponsorship* b'riżq l-attivitajiet li organizza - il-parti l-kbira taħt l-Iskema tal-Attivitajiet Kulturali, amministrata mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kultura u Gvern Lokali. Il-Kunsill jemmen li attivitajiet popolari ta' livell jgħinu biex jitkattar il-kummerċ billi jiġu attirati nies minn barra il-lokalita` u t-turisti. Wieħed irid jaċċenna wkoll li jkun hemm għaqdiet, entitajiet kummerċjali u individwi, li għalhemm ma jikkontribwux bi flus, jagħtu sehemhom b'mezzi oħra biex dawn l-attivitajiet ikunu possibbli.

L-Allokazzjoni Finanzjarja mill-Gvern Ċentrali, għas-sena 2014 ser tkun ftit aktar minn dik tas-sena l-oħra u tammonta għal €1,009,987. L-iskemi li ibbenefika minnhom il-Kunsill kienu jinvolvu oqsma differenti li jvarjaw mill-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali u konferenzi, titjib fis-sistemi tal-I.T., il-librerija pubblika, u *resurfacing* ta' toroq. Il-Kunsill jagħmel kull sforz biex jibbenefika minn fondi ġejjin mill-iskemi sabiex jimmassimizza d-dħul tiegħu u jżid il-proġetti li jista' jimplimenta.

Meta wieħed jara d-dħul kontra l-infieq li kien hemm fis-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2013, huwa mistenni li din tingħalaq bi żbilanċ ta' ftit iktar minn €10,000. Jirriżulta wkoll mir-rapport tal-awditur li fl-1 ta' Jannar 2013, kien hemm bilanċ fil-kontijiet tal-bank ta' ftit inqas minn €960,000. Dan għamilha possibbli li s-sena finanzjarja 2014 tibda b'bilanċ pożittiv ta' €950,000 wara li ġiet ikkalkulata l-ispiża kollha prevista għall-2013. Huwa stmat ukoll li fis-sena 2014 ikun hemm dħul ieħor aparti l-allokazzjoni annwali li jlaħħaq €209,000, mill-iskemi, drittijiet li jitħallsu għall-ħruġ ta' permessi, eċċ. Flimkien ma' dawn ser ikun hemm l-Allokazzjoni Annwali mill-Gvern Ċentrali, li fit-totalita` tagħhom ser jiffinanzjaw in-nefqa rikorrenti u l-proġetti kapitali li ippjana l-Kunsill.

In-nefqa rikorrenti hija stmata li tlaħħaq €1,120,000 li 11% minnha ser jintefqu fuq Salarji, 31% tmur fuq l-Amministrazzjoni, 23% fuq Tiswijiet u Manutenzjoni, filwaqt li 35% ser tintefaq fuq Servizzi Kuntrattwali. In-nefqa rikorrenti mistennija li tiżdied fuq dik tal-2013 bi kważi 22%. Dan jirriżulta miż-żieda ta' proġetti kapitali li naturalment jirrikjedu spiża akbar biex jinżammu fi stat tajjeb. Il-Park tal-Familja huwa wieħed minn dawn il-proġetti. Billi dawn il-postijiet ġew attrezzati bi dwal, *water features* li jinvolvu konsum, dan ukoll ser ikollu effett fuq l-ispiża rikorrenti fl-2014 u aktar 'il quddiem. F'dawn l-estimi hemm maħsub ukoll għall-manutenzjoni ta' natura straordinarja li trid issir fuq l-Għajn tal-Mellieħa u l-ħajt ta' Triq il-Marfa. Hemm ukoll il-fattur li jinvolvi tibdil fil-kuntratt dwar iż-żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi, kif aċċennajt aktar qabel.

Huwa mbassar li fis-sena illi ġejja n-nefqa kapitali tlaħħaq €932,000. Wara li għadda l-perjodu li fih kienu qed jitħejjew il-proġetti li aċċennajt għalihom, l-2014 ser tkun

waħda li fiha l-Kunsill ser jgħaddi għall-implimentazzjoni tagħhom. It-twettiq tagħhom jiddependi minn diversi fatturi, ewlenin fosthom huma permessi u finanzjament meħtieġ għalhekk wieħed jifhem li ma jkunx possibbli li dawn jinbdew u jitlestew f'sena waħda, partikularment fl-aspett amministrattiv u dak finanzjarju.

John Buttigieg
**Is-Sindku**

Carmel Debono
**Is-Segretarju Eżekuttiv**

## 2.1 L-Estmi Konsolidati tad-Dħul u l-Infiq

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | a<br>ESTMI 2013 € | b<br>PREVIZJONI 2013 € | c<br>ESTMI 2014 € | c-a/a-c<br>VAR (ESTMI-ESTMI) € | c-b/b-c<br>VAR (ESTMI-PREVIŻ.) € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 1,130,889.00 | 1,271,169.55 | 1,033,287.00 | (97,602.00) | (237,882.55) |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 21,150.00 | 45,359.00 | 119,387.00 | 98,237.00 | 74,028.00 |
| 0090 | L-Investiment | 5,000.00 | 8,130.00 | 8,200.00 | 3,200.00 | 70.00 |
| 0100 | Ġenerali | 113,750.00 | 19,310.00 | 58,000.00 | (55,750.00) | 38,690.00 |
| | **TOTAL** | **1,270,789.00** | **1,343,968.55** | **1,218,874.00** | **(51,915.00)** | **(125,094.55)** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 119,325.39 | 119,658.16 | 128,281.28 | (8,955.89) | (8,623.12) |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 801,549.68 | 650,808.00 | 956,901.81 | (155,352.13) | (306,093.81) |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 852,133.00 | 583,861.00 | 978,279.00 | (126,146.00) | (394,418.00) |
| | **TOTAL** | **1,773,008.07** | **1,354,327.16** | **2,063,462.09** | **(290,454.02)** | **(709,134.93)** |
| | **Bilanċ** | **(502,219.07)** | **(10,358.61)** | **(844,588.09)** | **(342,369.02)** | **(834,229.48)** |

**Noti:**

## 2.2 L-Estmi tad-Dħul fid-dettall

| | | a | b | c | c-a | c-b |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **Deskrizzjoni** | **ESTMI 2013 €** | PREVIZJONI **2013 €** | **ESTMI 2014 €** | **VAR (ESTMI-ESTMI) €** | **VAR (ESTMI-PREVIŻ.) €** |
| 2 | **Id-Dħul** | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | |
| 0001 | Annwali | 990,312.00 | 1,002,922.00 | 1,009,987.00 | 19,675.00 | 7,065.00 |
| 0002 | Supplimentari | | 0.00 | 0.00 | | |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | | 0.00 | 0.00 | | |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubbliċi/Governattivi | | 0.00 | 0.00 | | |
| 0015 | Ħwejjeġ oħra | 140,577.00 | 268,247.55 | 23,300.00 | (117,277.00) | (244,947.55) |
| | | **1,130,889.00** | **1,271,169.55** | **1,033,287.00** | **(97,602.00)** | **(237,882.55)** |
| **0020** | **Il-'Bye-laws'** | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 14,000.00 | 27,703.00 | 28,087.00 | 14,087.00 | 384.00 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 5,700.00 | 6,700.00 | 6,000.00 | 300.00 | (700.00) |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | | 0.00 | 0.00 | | |
| 0066 | Ġenerali | 1,450.00 | 2,400.00 | 1,800.00 | 350.00 | (600.00) |
| 0070 | Fondi ta' -Unjoni Ewropea | | 8,556.00 | 83,500.00 | 83,500.00 | 74,944.00 |
| | | **21,150.00** | **45,359.00** | **119,387.00** | **98,237.00** | **74,028.00** |
| **0090** | **L-Investiment** | | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 5,000.00 | 8,130.00 | 8,200.00 | 3,200.00 | 70.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | 0.00 | 0.00 | | |
| | | **5,000.00** | **8,130.00** | **8,200.00** | **3,200.00** | **70.00** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 0.00 | 0.00 | 0.00 | | |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 113,750.00 | 19,310.00 | 58,000.00 | (55,750.00) | 38,690.00 |
| | | 113,750.00 | 19,310.00 | **58,000.00** | (55,750.00) | 38,690.00 |
| | **TOTAL** | **1,270,789.00** | **1,343,968.55** | **1,218,874.00** | **(51,915.00)** | **(125,094.55)** |

## Noti:

0020 Huma fondi li joriġinaw mill-ħlas għal korsijiet li jorganizza l-Kunsill, kif ukoll mill-ħruġ ta’ permessi għat-tqegħid ta’ *skips* f’postijiet pubbliċi.

0120 Il-fondi miġbura taħt dan il-vot jirriżultaw mill-ħruġ ta’ permessi bis-saħħa ta’ l-Avviż Legali 119 tal-2003 eż. attivitajiet temporanji, tqegħid ta’ makkinarju tal-kostruzzjoni f’postijiet pubbliċi, tħaffir ta’ trinek eċċ. Mis-sena 2009 beda jkun hemm dħul permezz tal-*Bye-Laws* 37/2/2009 dwar Attivitajiet fil-Beraħ li jirregolaw l-ikkampjar u l-*barbecues*

## 2.3 L-Estmi ta' l-Infiq fid-dettall

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | a<br>ESTMI 2013 € | b<br>PREVIZJONI 2013 € | c<br>ESTMI 2014 € | a-c<br>VAR (ESTMI-ESTMI) € | b-c<br>VAR (ESTMI-PREVIŻ.) € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 10,055.25 | 8,335.00 | 10,302.24 | (246.99) | (1,967.24) |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 82,114.35 | 80,714.00 | 86,282.09 | (4,167.74) | (5,568.09) |
| 1300 | Bonus | 7,187.44 | 9,808.60 | 7,714.34 | (526.90) | 2,094.26 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 1,211.00 | 1,211.30 | 1,211.31 | (0.31) | (0.01) |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | 7,457.35 | 6,693.66 | 7,710.30 | (252.95) | (1,016.64) |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | 0.00 | 1,513.00 | 1,861.00 | (1,861.00) | (348.00) |
| 1700 | Sahra | 2,500.00 | 822.60 | 2,000.00 | 500.00 | (1,177.40) |
| 1800 | L-Onorarja tal-Kunsillieri | 8800.00 | 10,560.00 | 11,200.00 | (2,400.00) | |
| | | **119,325.39** | **119,658.16** | **128,281.28** | **(8,955.89)** | **(7,983.12)** |
| **2000** | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/i€a/tel. etc.) | 23,866.00 | 22,100.00 | 28,990.00 | (5,124.00) | (6,890.00) |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 4,500.00 | 2,245.00 | 4,700.00 | (200.00) | (2,455.00) |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 208,000.00 | 143,000.00 | 252,400.00 | (44,400.00) | (109,400.00) |
| 2400 | Kera | 3,449.00 | 4,249.00 | 4,249.00 | (800.00) | |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Inter/nazzjonali | 900.00 | 1,000.00 | 2,000.00 | (1,100.00) | (1,000.00) |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 9,400.00 | 7,200.00 | 7,600.00 | 1,800.00 | (400.00) |
| 2700 | Trasport | 4,280.00 | 4,450.00 | 4,400.00 | (120.00) | 50.00 |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 3,800.00 | 274.00 | 6,300.00 | (2,500.00) | (6,026.00) |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 22,800.00 | 9,300.00 | 19,800.00 | 3,000.00 | (10,500.00) |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 345,700.00 | 311,100.00 | 357,200.00 | (11,500.00) | (46,100.00) |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 21,900.00 | 16,600.00 | 24,500.00 | (2,600.00) | (7,900.00) |
| 3200 | Taħriġ | 16,400.00 | 27,440.00 | 24,780.00 | (8,380.00) | 2,660.00 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 106,100.00 | 88,300.00 | 103,500.00 | 2,600.00 | (15,200.00) |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | 3,000.00 | 2,500.00 | 3,000.00 | | (500.00) |
| 3600 | LES Spejjez ta` l-Infurzar Lokali | 2,600.00 | 1,300.00 | 2,500.00 | 100.00 | (1,200.00) |
| 3700 | Progetti ta' l-Unjoni Ewropea | 10,000.00 | 6,800.00 | 95,833.00 | (85,833.00) | (89,033.00) |
| 3800 | Gemellaggi | 14,854.68 | 2,950.00 | 15,149.81 | (295.13) | (12,199.81) |
| | | **801,549.68** | **650,808.00** | **956,901.81** | **(155,352.13)** | **(306,093.81)** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjetà | 78,750.00 | 41,274.00 | 0.00 | 78,750.00 | 41,274.00 |
| 7100 | Bini | | 0.00 | 0.00 | | |
| 7200 | Titjib | 169,000.00 | 119,183.00 | 230,525.00 | (61,525.00) | (111,342.00) |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 2,400.00 | 0.00 | 6,500.00 | (4,100.00) | (6,500.00) |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 601,983.00 | 423,404.00 | 741,254.00 | (139,271.00) | (317,850.00) |
| | | **852,133.00** | **583,861.00** | **978,279.00** | **(126,146.00)** | **(394,418.00)** |
| | **TOTAL** | **1,773,008.07** | **1,354,327.16** | **2,063,462.09** | **(290,454.02)** | **(708,494.93)** |

**Noti:**

## 2.3. L-Estimi tad-Dħul u l-Infieq fid-Dettal (ikomplu)

| A/C NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2014 (€) |
|---|---|---|
| **Income** | | **1,218,874.00** |
| 0001 | Annual Government Income | 1,009,987.00 |
| 0004 | Government Delegations | |
| 0015 | Other Government Income | 23,300.00 |
| 0020 | Bye-Laws | 28,087.00 |
| 0036/54 | L.E.S. Income | 6,000.00 |
| 0056 | Sponsorships | |
| 0066 | General | 1,800.00 |
| 0070 | European Union Funds | 83,500.00 |
| 0091 | Bank Interest | 8,200.00 |
| 0110 | Donations | |
| 0120 | Contributions | 58,000.00 |
| **Expenditure** | | |
| **1000** | **Personal Emoluments** | **128,281.28** |
| 1100 | Mayor's Allowance | 10,302.24 |
| 1200 | Employee Salaries and Wages | 86,282.09 |
| 1300 | Bonuses | 7,714.34 |
| 1400 | Income Supplements | 1,211.31 |
| 1500 | Social Security Contributions | 7,710.30 |
| 1600 | Allowances | 1,861.00 |
| 1700 | Overtime | 2,000.00 |
| 1800 | Councillors Allowance | 11,200.00 |
| ***2000*** | ***Operations and Maintenance*** | |
| **2100** | **Utilities** | **28,990.00** |
| 2130 | Electricity - Council Office | 3,500.00 |
| 2131/8 | Electricity - Council Property | 11,200.00 |
| 2140 | Water - Council Office | 280.00 |
| 2141/7 | Water - Council Property | 4,550.00 |
| 2150 | Comm. Equipment Rentals | 750.00 |
| 2160/62 | Comm. Equipment Charges | 5,440.00 |
| 2170 | Wide Area Connectivity Charges | 1,670.00 |
| 2171/72 | Internet Centre Charges | 1,100.00 |
| 2180 | Security Services | 500.00 |

| A/C NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2014 (€) |
|---|---|---|
| **2400** | **Rents** | **4,249.00** |
| 2401 | Council Office Rent | |
| 2402 | Devolved Property Rents | 4,249.00 |
| **2500** | **Inter/National Membership** | **2,000.00** |
| 2530 | Membership in Other Organisations | 600.00 |
| 2540 | Participation Fees - International Mtgs | 300.00 |
| 2541 | Participation Fees - National Meetings | 1,000.00 |
| 2560 | Membership in Local Organisations | 100.00 |
| **2600** | **Office Services** | **7,600.00** |
| 2610 | Printing | 1,000.00 |
| 2620 | Stationery | 2,000.00 |
| 2630 | Subscriptions | 200.00 |
| 2650 | Postage | 1,000.00 |
| 2670 | Other Office Services | 100.00 |
| 2680 | Photocopier Running Costs | 3,300.00 |
| **2700** | **Transport** | **4,400.00** |
| 2720 | Hire of Transport | 1,500.00 |
| 2730 | Hire of Self-Drive Cars | 200.00 |
| 2750 | Fuel | 100.00 |
| 2760 | Use of Personal Vehicles | 2,500.00 |
| 2770 | Transportation of Goods | 100.00 |
| **2900** | **Information Services** | **19,800.00** |
| 2930 | Public Relation Expenses | 600.00 |
| 2940 | Advertising | 1,500.00 |
| 2960 | Publications | 2,900.00 |
| 2970 | Newsletter | 9,300.00 |
| 2990 | Participation in Fairs & Exhibitions | 5500.00 |

## 2.3. L-Estimi tad-Dħul u l-Infiq fid-Dettal (ikomplu)

| | | |
|---|---|---|
| **2200** | **Materials and Supplies** | **4,700.00** |
| 2220 | Cleaning Materials and Supplies | 200.00 |
| 2230 | Uniforms | 1,500.00 |
| 2250 | Spare Parts | 3,000.00 |
| | | |
| **2300** | **Repair and Upkeep** | **252,400.00** |
| 2310 | Public Property | 500.00 |
| (1) 2311 | Road Repairs (Patching) | 40,000.00 |
| (2) 2311 | Paving | 10,000.00 |
| (3) 2311 | Masonry | 5,000.00 |
| (4) 2311 | Culverts | 10,000.00 |
| (5) 2311 | Rubble Walls | 35,000.00 |
| (6) 2311 | Embellishment | 4,000.00 |
| (7) 2311 | Slipways | 2,000.00 |
| (9) 2311 | Earthworks | 1,000.00 |
| (10) 2311 | Cleaning and Clearing | 2,000.00 |
| (12) 2311 | Farm Roads | 15,000.00 |
| 2313 | Signs / Railings | 50,000.00 |
| 2314 | Road Markings | 25,000.00 |
| 2316 | Bus Shelters | 1,000.00 |
| 2319 | Litter Bin Repairs | 2,500.00 |
| 2330 | Office Furniture/Equipment | 200.00 |
| 2360 | Sundry Repairs | 200.00 |
| 2370 | Other Repair and Upkeep | 47,000.00 |
| 2375 | Council Property | 2,000.00 |

| | | |
|---|---|---|
| **3000** | **Contractual Services** | **357,200.00** |
| 3010 | Street Lighting | 11,000.00 |
| 3030 | Insurance | 5,300.00 |
| 3035 | Bank Charges | 250.00 |
| 3040 | Waste Disposal | 250.00 |
| 3041 | Refuse Collection | 122,000.00 |
| 3042 | Bulky Refuse | 11,000.00 |
| 3044 | Open Skips / Bring In Sites | 2,500.00 |
| 3050 | Cleaning Services | 100.00 |
| 3051 | Street Cleaning | 45,000.00 |
| 3052 | Non-Urban Roads | 30,000.00 |
| 3053 | Public Conveniences | 50,000.00 |
| 3055 | Cleaning of Council Premises | 3,500.00 |
| 3061 | Parks and Gardens | 70,300.00 |
| 3063 | Beach Cleaning | 500.00 |
| 3064 | Non-Urban Areas | 500.00 |
| 3090 | Studies & Consultations | 5,000.00 |
| | | |
| **3100** | **Professional Services** | **24,500.00** |
| 3110 | I.T. Development Services | 500.00 |
| 3120 | Management & Operating Services | 13,000.00 |
| 3130 | Engineering Services | 500.00 |
| 3140 | Legal Services | 8,000.00 |
| 3160 | Accountancy Services | 2,500.00 |

## 2.3. L-Estimi tad-Dħul u l-Infiq fid-Dettal (ikomplu)

| A/C NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2014 (€) |
|---|---|---|
| **3200** | **Training** | **24,780.00** |
| 3250 | Course Fees - Local Training | 500.00 |
| 3260 | Courses Organized by Council | 24,280.00 |
| **3300** | **Community and Hospitality** | **103,500.00** |
| 3310 | Entertainment | 2,000.00 |
| 3320 | Conference Expenses | 1,000.00 |
| 3360 | Social Events | 500.00 |
| 3370 | Cultural Events | 83,000.00 |
| 3380 | Community Services | 15,000.00 |
| 3390 | Donations | 0.00 |
| 3391 | Public Library | 2,000.00 |
| **3400** | **Incidental Expenses** | **3,000.00** |
| 3410 | Sundry Minor Expenses | 1,500.00 |
| 3411 | Administrative Charges | 1,500.00 |
| **3600** | **Local Enforcement Services** | **2,500.00** |
| **3700** | **European Union Projects** | 95,833.00 |
| 3701 | Projects Financed under EU Programmes | 95,833.00 |
| **3800** | **Twinnings** | 15,149.81 |
| 3801 | Adenau | 5,049.94 |
| 3802 | Cavriglia | 5,049.94 |
| 3803 | Agia Napa | 5,049.94 |
| **2800** | **Travel** | **6,300.00** |
| 2810 | Overseas Tickets | 4,000.00 |
| 2820 | Overseas Subsistance & Accom. | 1,500.00 |
| 2830 | Overseas Hospitality | 800.00 |

| A/C NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2014 (€) |
|---|---|---|
| | *Capital Expenditure* | |
| **7000** | **Acquisition of Property** | **0.00** |
| 7001 | Council Office Extension | |
| **7100** | **Construction** | **0.00** |
| | | 0.00 |
| **7200** | **Improvements** | **230,525.00** |
| 7210 | Office Improvements | 56,600.00 |
| 7220 | New Street Lamps | 153,925.00 |
| 7230 | New Street Furniture | 20,000.00 |
| **7300** | **Equipment** | **6,500.00** |
| 7310 | Office Equipment | 1,500.00 |
| 7311 | Computer Hardware | 5,000.00 |
| 7312 | Security Systems | 0.00 |
| **7500** | **Special Programmes** | **741,250.00** |
| 7502 | Road Resurfacing | 340,000.00 |
| 7503 | Public Conveniences Upgrading | 0.00 |
| 7504 | Churches Area Floodlighting | 63,750.00 |
| 7508 | Gnien Hidmet il-Volontarjat | 7,500.00 |
| 7509 | Ta' l-Ibrag Family Park | 12,000.00 |
| 7512 | Construction of Culverts | 100,000.00 |
| 7510 | Misrah iz-Zjara tal-Papa G. Pawlu II Emb. | 0.00 |
| 7517 | Triq l-Inkurunazzjoni Embellishment | 90,000.00 |
| 7519 | Triq l-Erwieh Playing Field Improvement | 7,000.00 |
| 7518 | Embellishment of Stepped Streets | 0.00 |
| 7520 | Misrah il-Parrocca Manikata Emb. | 5,000.00 |
| 7522 | Selmun & Imgiebah Heritage Trail | 11,000.00 |
| 7524 | Torri l-Abjad Project | 5,000.00 |
| 7525 | Gnien il-Qighan Improvements | - |
| 7526 | Manikata Heritage Trail | 0.00 |
| 7527 | Mons F Xuereb/Nahal/Etna Open Space | 100,000.00 |
| 0 | VACANT | |

## 2.3 L-Estimi tad-Dħul u l-Infiq fid-Dettal (ikomplu)

| | |
|---|---|
| **Recurrent** | |
| Personal Emoluments | 128,281.28 |
| Utilities | 28,990.00 |
| Materials and Supplies | 4,700.00 |
| Repair and Upkeep | 252,400.00 |
| Training | 24,780.00 |
| Community and Hospitality | 103,500.00 |
| Incidental Expenses | 3,000.00 |
| Local Enforcement Services | 2,500.00 |
| Travel | 6,300.00 |
| Rents | 4,249.00 |
| Inter/National Membership | 2,000.00 |
| Office Services | 7,600.00 |
| Transport | 4,400.00 |
| Information Services | 19,800.00 |
| Contractual Services | 357,200.00 |
| Professional Services | 24,500.00 |
| European Union Projects | 95,833.00 |
| Twinnings | 15,149.81 |
| Total Recurrent | 1,085,183.09 |
| **Capital** | |
| Acquisition of Property | 0.00 |
| Construction | 0.00 |
| Improvements | 230,525.00 |
| Computer Hardware | 6,500.00 |
| Special Programmes | 741,250.00 |
| Total Capital | 978,275.00 |
| **Total Estimated Expenditure** | 2,063,458.09 |

| | | |
|---|---|---|
| | Bank Bal. & Cash as on 31/12/12 | 959,924.00 |
| | Estimated Surplus/Deficit as at Dec 2013 | -10,358.61 |
| | Estimated Opening Balance 2013 | 949,565.39 |
| 0000 | Estimated Income 2014 | 1,218,874.00 |
| | Total Estimated Expenditure 2014 | 2,063,458.09 |
| | Surplus/Deficit (Contingency Fund) | 104,981.31 |
| | Annual Allocation/Suplus % | 10.39 |

| | |
|---|---|
| Recurrent | % |
| Personal Emoluments | 12 |
| Administrative Expenses | 32 |
| Repair and Upkeep | 23 |
| Contractual Services | 33 |
| | 100 |

| | |
|---|---|
| **Capital** | **%** |
| Acquisition of Property | 0.0 |
| Construction | 0.0 |
| Improvements | 23.6 |
| Computer Hardware | 0.7 |
| Special Programmes | 75.8 |
| | 100.0 |

## 2.4. Noti dwar l-Infiq Rikorrenti

| | |
|---|---|
| 1100 | Is-salarju ta' Membru Parlamentari għas-sena 2014 ser jammonta għal €20,604.50. Skont il-ligi, l-Onorarja tas-Sindku, fil-każ ta' Kunsill Lokali ta' disa' kunsilliera, m'għandiex teċċedi 50% ta' dan is-salarju, i.e. €10,302.25. |
| 1200 | L-ispiża fuq il-pagi ta' l-impjegati ser titla' bi 5.08% fuq dik tal-2013 biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet statutorji għall-għoli tal-ħajja u għad-dħul fis-seħħ tas-salarji skont il-Ftehim Kollettiv. Din is-somma hija biżżejjed biex tkopri s-salarju tas-Segretarju Eżekuttiv, l-Assistent Prinċipali fi Skala 11 u tliet Uffiċjali oħra fi Skala 15. |
| 1300 | Il-*bonus* ta' Ġunju u Diċembru ġie kkalkulat fuq il-ħames impjegati tal-Kunsill u għalhekk ilaħħaq €1,351. Il-*Performance Bonuses* ġew maħduma fuq il-paga bażika għall-2014. Il-bonuses għalhekk ser jammontaw għal €7,714.34. |
| 1400 | Id-Dħul Supplimentari jitħallas lill-impjegati f'Marzu u Settembru 2013, bir-rata ta' €4.66 fil-ġimgħa. |
| 1500 | Il-Kontribuzzjoni tas-Siġurtà Soċjali mħallsa mill-Kunsill hija ikkalkulata bħala 10% tal-Paġi ta' l-Impjegati. Fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv, il-kontribuzzjoni tlaħħaq €34.25 fil-ġimgħa. |
| 1800 | L-*Allowance* tal-Kunsillieri, li huwa ntitolat għaliha s-Sindku, tammonta għal €100 fix-xahar, pagabbli f'Ġunju u Diċembru. |
| 2300 | L-ispiża fuq il-ħitan tas-sejjieħ (2311(5)) mistennija li tiżdied sostanzjalment sabiex tkopri r-restawr tal-Għajn tal-Mellieħa, kif ukoll il-ħajt ta' Triq il-Marfa, fil-parti fejn hemm it-taraġ li jgħaqqad l-istess triq ma' Triq Dun Frangisk Sciberras. Il-voti tat-Tabelli tat-Traffiku (2313) ġie miżjud, filwaqt li dak tal-Marki tal-Karreġġjata (2314) tħalla fil-livell tal-2013 wara li ttieħed in konsiderazzjoni x-xogħol li ġie ordnat matul l-2013. Il-voti dwar il-Manutenzjoni tat-toroq 2311(1) u tal-Bankini 2311(2) ġew imnaqqsa wara li ġiet evalwata n-nefqa matul is-sena preċedenti, filwaqt li dak li jirrigwarda Manutenzjoni Oħra (2370) ġie miżjud sabiex ikopri t-titjib tat-taraġ eżistenti fi Triq San Publiju bejn Triq it-Tramuntana u Triq il-Kappillan Magri. |
| 2900 | Il-vot tas-Servizzi Informattivi tnaqqas bi kważi 17% wara li ġiet stabbilita l-ispiża fuq il-ktieb *Wartime Mellieħa – The Role of the Village During the Second World War*. Dan it-tnaqqis jirriżulta minkejja li l-Kunsill ivvota somma akbar fuq il-Promozzjoni tal-Lokalita` |
| 3000 | Il-vot tal-Ġbir tal-Iskart Organiku mid-Djar (3041) żdied bi ftit skont ir-rata stabbilita fil-kuntratt relattiv, liema kuntratt beda jiffunżjona fis-sena 2011 u ser jiskadi f'Diċembru 2014. Wasteserv Malta Ltd qed tiċċarġja €20 kull tunnellata ta' skart imħallat li jidħol fil-*landfill* tal-Għallis jew fl-Impjant ta' Sant' Antnin. Fuq direttiva tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, qed jitħallas biss l-ammont allokat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.<br><br>Il-vot li jirrigwarda l-Ġbir tal-Iskart Goff u dak tat-Tindif tat-Toroq Urbani tnaqqas wara li daħlu fis-seħħ kuntratti ġodda.<br><br>In-nefqa prevista fuq il-Manutenzjoni u ż-Żamma tal-Latrini Pubbliċi żdiedet wara l-Kunsill approva varjazzjoni ta' 20% fil-kuntratt sabiex jgħolli s-servizz oriġinali, illi rriżulta ma kienx sodisfaċenti biex ilaħħaq mad-domanda, b'mod partikulari fix-xhur tas-Sajf.<br><br>Il-Kunsill iddeċieda wkoll li l-vot dwar il-Ġonna Pubblici (3061) għandu jiżdied sostanzjalment sabiex jagħmel tajjeb għas-servizz tal-kustodju li ġie introdott fil-Park tal-Familja minn Settembru 2013. |
| 3200 | In-nefqa ta' €24,780 fuq it-Taħriġ qed tiġi bbażata fuq l-ispiża tas-sena preċedenti sabiex tirrifletti n-nefqa fuq is-*summer camp* għat-tfal – AvventuraSajf – kif ukoll korsijiet li ser jiġu ssussidjati mill-Kunsill taħt l-Iskema dwar it-Tagħlim Tul il-Ħajja, bħalma huma dak tal-Malti għall-Barranin u l-kompjuter. |

| 2.4. Noti dwar l-Infiq Rikorrenti | |
|---|---|
| 3300 | Fil-vot tal-Attivitajiet Kulturali (3370) ittieħed in konsiderazzjoni s-servizzi li jingħataw mill-għaqdiet mużikali fil-lokalita` fuq inkariġu mogħti mill-Kunsill matul is-sena. L-istess vot ikopri wkoll l-avvenimenti li issa daħlu fil-kalendarju annwali tal-Kunsill, bħalma huwa l-Ijieli Melleħin, u oħrajn. Għalkemm din hija nefqa sostanzjali, il-Kunsill jagħmel kull sforz biex bħalma sar fis-snin preċedenti jinġieb *sponsorship* minn entitajiet kummerċjali jew sostenn finanzjarju minn skemi li waqqaf il-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill qed jikkonsidra li minflok l-attivitajiet marbuta ma' Milied Mellieħi, jingħata kunċert fl-ewwel tas-sena, u Festival Internazzjonali tal-Baned għall-ħabta ta' April/Mejju.<br><br>Il-vot tas-Servizzi Komunitarji (3380) żdied b'mod sostanzjali fuq tas-sena preċedenti billi jrid jagħmel tajjeb għat-titjib li maħsub isir fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja. Qed jittieħed in konsiderazzjoni servizz sperimentali dwar il-ġarr ta' anzjani minn djarhom għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u lura. Il-vot tal-Librerija Pubblika jeħtieġ ikopri l-ispiża li trid issir mill-Kunsill taħt l-iskema attwali mnedija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ix-xiri tal-kotba u l-attrezzar tal-libreriji, kif ukoll għall-ftuħ tal-istess librerija s-Sibtijiet filgħodu. |
| 3600 | Il-vot tal-*Local Enforcement System* huwa ntiż sabiex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż amministrattivi marbuta mal-kontravvenzjonijiet imħallsa qabel ġew introdotti l-Kumitati Reġjonali. |
| 3800 | Il-Vot dwar il-Ġemellaġġi għandu jkopri t-tliet ġemellaġġi li l-Kunsill għandu ma' Adenau, Cavriglia u Agia Napa. Is-somma vvutata tirrifletti t-*threshold* li tistabilixxi nefqa massima ta' 0.5% tal-Allokazzjoni Finanzjarju, jew €3,500, liema tkun l-ikbar. |

| Nru. tal-Kont / Nru.tal-Proġett | L-Infiq Kapitali / Deskrizz. tal-Proġett | Bilanċ sena bażi 2013 Kont € | Bilanċ sena bażi 2013 Proġett € | ESTIMI 2014 Kont € | ESTIMI 2014 Proġett € | 2014 Total tal-Kont € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **7001** | **Xiri ta' Propjetà** | | | | | **0.00** |
| **7100** | **Bini** | | | | | **0.00** |
| **7200** | **Titjib** | | | **230,525.00** | | **230,525.00** |
| 7210 | Office Improvements | | | | 56,600.00 | |
| 7220 | New Street Lamps | | | | 153,925.00 | |
| 7230 | New Street Furniture | | | | 20,000.00 | |
| **7300** | **Makkinarju u Apparat** | | | **6,500.00** | | **6,500.00** |
| 7310 | Office Improvements | | | | 1,500.00 | |
| 7311 | New Street Lamps | | | | 5,000.00 | |
| **7500** | **Proġetti Speċjali** | | | **741,250.00** | | **741,250.00** |
| 7502 | Road Resurfacing | | | | 340,000.00 | |
| 7503 | Public Conveniences Upgrading | | | | 0.00 | |
| 7504 | Churches Area Floodlighting | | | | 63,750.00 | |
| 7508 | Gnien Hidmet il-Volontarjat | | | | 7,500.00 | |
| 7509 | Ta' l-Ibrag Family Park | | | | 12,000.00 | |
| 7512 | Construction of Culverts | | | | 100,000.00 | |
| 7519 | Triq l-Erwieh Playing Field Improvement | | | | 7,000.00 | |
| 7520 | Misrah il-Parrocca Manikata Emb. | | | | 5,000.00 | |
| 7522 | Selmun & Imgiebah Heritage Trail | | | | 11,000.00 | |
| 7524 | Torri l-Abjad Project | | | | 5,000.00 | |
| 7527 | Mons F Xuereb/Nahal/Etna Open Space | | | | 100,000.00 | |
| | | **0.00** | | **978,275.00** | | **978,275.00** |

**Noti:**

## 3.2. Noti Dwar in-Nefqa Kapitali

| | |
|---|---|
| 7200 | Il-vot tat-Titjib (7210), jinkludi fiħ ir-rinovar meħtieġ isir wara l-akkwistat tal-fond intiż għall-estensjoni tal-uffiċċju amministrattiv.<br><br>Jinkludi fiħ ukoll l-installazzjoni ta' lampi ġodda (7220), f'dawk it-toroq li saru mill-ġdid fiż-żona ta' Santa Marija Estate u postijiet oħra. |
| 7310 | Dan il-vot ser jintuża biex jinxtara apparat għall-uffiċċju li kontinwament jrid jiġi aġġornat. |
| 7311 | Is-somma ndikata taħt dan il-vot hija ntiża sabiex isir it-titjib meħtieġ minn żmien għal żmien fuq is-sistema tal-kumpjuter mħaddma fl-uffiċċju. Għandu jagħmel tajjeb għall-introduzzjoni tat-tagħmir meħtieġ għall-*live streaming* tas-seduti tal-Kunsill. |
| 7502 | Dan il-vot huwa ntiż sabiex jiffinanzja l-ftehim tal-*Public Private Partnership* li pprovda għar-*resurfacing* ta' Triq l-Armier bejn it-Triq Ta' Msid u l-Ponta tal-Aħrax, liema ftehim mistenni jiġi konkluż 2020. Jeħtieġ ukoll ikopri r-*resurfacing* ta' Triq il-Wied Ta' Ruman, Triq il-Marlozz u possibilment toroq oħra fiż-żona Ta' Gerbulin. |
| 7504 | Il-*floodlighting* madwar il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata huwa stmat li jlaħħaq €65,000 u l-Kunsill qed jistenna l-eżitu` ta' applikazzjoni ta' DNO li saret mal-MEPA. |
| 7508 | Il-pagamenti dovuti mat-tieni fażi ta' Ġnien Ħidmet il-Volontarjat mistennija li jiġu konklużi matul l-2014, peress li għad fadal jiġi installat tagħmir marbut tal-*water feature*, kif ukoll xogħol ieħor relatat mal-bokok tal-ġwiebi li hemm taħt l-istess ġnien. |
| 7509 | Minkejja li ġie introdott is-servizz ta' kustodju fil-Park tal-Familja li qed jingħata matul parti sostanzjali mill-ġurnata, mhux possibbli li jingħata l-ħin kollu u għalhekk jeħtieġ li tiġi installata sistema ta' *CCTV* li diġa saru t-tħejjijiet għaliha waqt il-kostruzzjoni. |
| 7512 | Ser ikun hemm titjib fl-infrastruttura tat-toroq bl-estensjoni tar-*rainwater culverts* fi Triq il-Kbira, Triq l-Etna, Triq il-Qortin, Triq Għajn Żejtuna u ntroduzzjoni ta' oħrajn ġodda fi Triq il-Manikata f'Għajn Tuffieħa. |
| 7517 | Dan il-vot huwa intenzjonat għall-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni bejn Triq Salvinu Vella u il-Bitħa tas-Santwarju. |
| 7519 | Wara li tlesta t-titjib fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ huwa maħsub li jsir play equipment għall-persuni b'diżbilita`. |
| 7520 | Il-Kunsill qed jagħmel it-tħejjijiet u l-konsultazzjoni meħtieġa sabiex isir it-tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa, quddiem il-knisja fil-Manikata, filwaqt li tingħalaq għat-traffiku billi t-triq li saret ġdida tibda tieħu traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet. B'dan il-mod ikunu jistgħu jsiru attivitajiet fil-pjazza b'aktar sigurta`, mingħajr il-ħtieġa li tingħalaq it-triq bejn il-Mellieħa u l-Manikata. |
| 7522 | Il-proġett dwar il-ħolqien ta' *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ huwa wieħed estensiv li jirrikjedi finanzjament sostanzjali li stmat illi jlaħħaq €1.07 miljuni. Bil-għan li jitwettaq, saru żewġ ftehim mal-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Iżvilupp Rurali, għall-finanzjament tal-proġett taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali taħt il-Miżuri 313 u 323. Il-Gvern Ċentrali issieħeb fil-finanzjament ta' dan il-proġett billi qed jkopri l-kofinanzjament u l-ħlas tal-VAT involuti. Minkejja dan, il-Kunsill qed jalloka somma ta' €11,000 sabiex jagħmlu tajjeb għall-attrezzi meħtieġa meta l-postijiet involuti jinfetħu għall-pubbliku. |
| 7524 | Il-Kunsill ngħata t-Torri l-Abjad b'titolu ta' devoluzzjoni bil-għan li dan jiġi restawrat u jinżamm miftuħ għall-pubbliku. Għal dan il-għan saret applikazzjoni mal-MEPA biex dan ikun kopert bil-permess.. |
| 7527 | Il-proġett tal-ġnien pubbliku fuq l-art konfinanti minn Triq il-Għasel, Triq Mons. Franġisk Xuereb u Trq l-Etna jinvolvi ftehim mal-Kurja biex l-art tiġi mgħoddija lill-Kunsill b'titolu ta' *commodatum*, li ma jinvolvi ebda piż finanzjarju għall-Kunsill, ħlief għall-implementazzjoni tal-proġett innifsu u għall-manutenzjoni li tiġi wara. |

| A/C. No. | PROJECT | QTR 1<br>JAN/MAR | QTR 2<br>APR/JUN | QTR 3<br>JUL/SEP | QTR 4<br>OCT/DEC | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Acquisition of Property** | | | | | |
| 7001 | Council Office Extension | | 0.00 | | 0.00 | 0.00 |
| | Total | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | | | | | |
| 7100 | **Contruction** | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0 | Total | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | | | | | |
| | **Improvements** | | | | | |
| 7210 | Office Improvements | 28,300.00 | 28,300.00 | | | 56,600.00 |
| 7220 | New Street Lamps | | | 76,962.50 | 76,962.50 | 153,925.00 |
| 7230 | New Street Furniture | 5,000.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 20,000.00 |
| | Total | 33,300.00 | 33,300.00 | 81,962.50 | 81,962.50 | 230,525.00 |
| | | | | | | |
| | **Plant and Equipment** | | | | | |
| 7310 | Office Equipment | 375.00 | 375.00 | 375.00 | 375.00 | 1,500.00 |
| 7311 | Computer Hardware | 1,250.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 5,000.00 |
| 7312 | Security Systems | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | Total | 1,625.00 | 1,625.00 | 1,625.00 | 1,625.00 | 6,500.00 |
| | | | | | | |
| | **Special Projects** | | | | | |
| 7502 | Road Resurfacing | 85,000.00 | 85,000.00 | 85,000.00 | 85,000.00 | 340,000.00 |
| 7504 | Churches Area Floodlighting | | | | 63,750.00 | 63,750.00 |
| 7508 | Gnien Hidmet il-Volontarjat | | 3,754.00 | 3,750.00 | | 7,504.00 |
| 7509 | Ta' l-Ibrag Family Park | | | | 12,000.00 | 12,000.00 |
| 7512 | Construction of Culverts | | 33,333.33 | 33,333.33 | 33,333.33 | 100,000.00 |
| 7517 | Triq l-Inkurunazzjoni Embellishment | | | | 90,000.00 | 90,000.00 |
| 7519 | Triq l-Erwieh Playing Field Improvement | | 7,000.00 | | | 7,000.00 |
| 7520 | Misrah il-Parrocca Manikata Emb. | 1,250.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 5,000.00 |
| 7522 | Selmun & Imgiebah Heritage Trail | 2,750.00 | 2,750.00 | 2,750.00 | 2,750.00 | 11,000.00 |
| 7524 | Torri l-Abjad Project | 1,250.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 5,000.00 |
| 7527 | Mons F Xuereb/Nahal/Etna Open Space | | | 50,000.00 | 50,000.00 | 100,000.00 |
| | | 90,250.00 | 134,337.33 | 177,333.33 | 339,333.33 | 741,254.00 |
| | | | | | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 7001 | **Acquisition of Property** | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7100 | **Contruction** | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7200 | **Improvements** | 33,300.00 | 33,300.00 | 81,962.50 | 81,962.50 | 230,525.00 |
| 7300 | **Plant and Equipment** | 1,625.00 | 1,625.00 | 1,625.00 | 1,625.00 | 6,500.00 |
| 7500 | **Special Projects** | 90,250.00 | 134,337.33 | 177,333.33 | 339,333.33 | 741,254.00 |
| | | | | | | |
| 7000 | **Total Expenditure** | 125,175.00 | 169,262.33 | 260,920.83 | 422,920.83 | 978,279.00 |

## PREVIZJONI TAL-*CASH FLOW* MATUL IS-SENA FINANZJARJA KURRENTI

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | PREVIZJONI 2013 € | KWT 1 JAN/MAR 2014 € | KWT 2 APR/GUN 2014 € | KWT 3 LUL/SET 2014 € | KWT 4 OTT/DIC 2014 € | TOTAL 2014 2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | | |
| **0000** | **<u>Mill-Gvern</u>** | | | | | | |
| 0001 | Annwali | 1,002,922.00 | 252,496.75 | 252,496.75 | 252,496.75 | 252,496.75 | 1,009,987.00 |
| 0002 | Supplimentari | | | | | | 0.00 |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | | | | | | 0.00 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubbliċi/Gov | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0015 | Ħwejjeġ oħra | 268,247.55 | 5,825.00 | 5,825.00 | 5,825.00 | 5,825.00 | 23,300.00 |
| **0020** | **<u>Il-'Bye-laws'</u>** | | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 27,703.00 | 7,021.75 | 7,021.75 | 7,021.75 | 7,021.75 | 28,087.00 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 6,700.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 6,000.00 |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0066 | Ġenerali | 2,400.00 | 450.00 | 450.00 | 450.00 | 450.00 | 1,800.00 |
| 0070 | Fondi ta' l-Unjoni Ewropea | 8,556.00 | 20,875.00 | 20,875.00 | 20,875.00 | 20,875.00 | 83,500.00 |
| **0090** | **<u>L-Investiment</u>** | | | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 8,130.00 | | | | 8,200.00 | 8,200.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | | 0.00 |
| **0100** | **<u>Ġenerali</u>** | | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 19,310.00 | 14,500.00 | 14,500.00 | 14,500.00 | 14,500.00 | 58,000.00 |
| | **TOTAL** | 1,343,968.55 | 302,668.50 | 302,668.50 | 302,668.50 | 310,868.50 | 1,218,874.00 |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | | |
| **1000** | **<u>Is-Salarji</u>** | | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 8,335.00 | 2,575.56 | 2,575.56 | 2,575.56 | 2,575.56 | 10,302.24 |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 80,714.00 | 21,570.52 | 21,570.52 | 21,570.52 | 21,570.52 | 86,282.09 |
| 1300 | Bonus | 9,808.60 | | 675.50 | 0.00 | 7,038.84 | 7,714.34 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 1,211.30 | 605.66 | | 605.66 | | 1,211.31 |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | 6,693.66 | 1,927.58 | 1,927.58 | 1,927.58 | 1,927.58 | 7,710.30 |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | 1,513.00 | 465.25 | 465.25 | 465.25 | 465.25 | 1,861.00 |
| 1700 | Sahra | 822.60 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 2,000.00 |
| 1800 | L-Onorarja tal-Kunsillieri | 10560.00 | | 5,600.00 | | 5,600.00 | 11,200.00 |

## 4.1 Estimi tal-Flus Kontanti (ikompli)

| Nru. tal- Kont | DESKRIZZJONI | PREVIZJONI 2013 € | KWT 1 JAN/MAR 2014 € | KWT 2 APR/GUN 2014 € | KWT 3 LUL/SET 2014 € | KWT 4 OTT/DIC 2014 € | TOTAL 2014 2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra** | | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 22,100.00 | 7,247.50 | 7,247.50 | 7,247.50 | 7,247.50 | 28,990.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 2,245.00 | 1,175.00 | 1,175.00 | 1,175.00 | 1,175.00 | 4,700.00 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 143,000.00 | 63,100.00 | 63,100.00 | 63,100.00 | 63,100.00 | 252,400.00 |
| 2400 | Kera | 4,249.00 | 2,124.50 | | 2,124.50 | | 4,249.00 |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Inter/nazzjonali | 1,000.00 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 2,000.00 |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 7,200.00 | 1,900.00 | 1,900.00 | 1,900.00 | 1,900.00 | 7,600.00 |
| 2700 | Trasport | 4,450.00 | 1,100.00 | 1,100.00 | 1,100.00 | 1,100.00 | 4,400.00 |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 274.00 | 1,575.00 | 1,575.00 | 1,575.00 | 1,575.00 | 6,300.00 |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 9,300.00 | 4,950.00 | 4,950.00 | 4,950.00 | 4,950.00 | 19,800.00 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 311,100.00 | 89,300.00 | 89,300.00 | 89,300.00 | 89,300.00 | 357,200.00 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 16,600.00 | 6,125.00 | 6,125.00 | 6,125.00 | 6,125.00 | 24,500.00 |
| 3200 | Taħriġ | 27,440.00 | 6,195.00 | 6,195.00 | 6,195.00 | 6,195.00 | 24,780.00 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 88,300.00 | 25,875.00 | 25,875.00 | 25,875.00 | 25,875.00 | 103,500.00 |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | 2,500.00 | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 3,000.00 |
| 3600 | LES Spejjez ta` l-Infurzar Lokali | 1,300.00 | 625.00 | 625.00 | 625.00 | 625.00 | 2,500.00 |
| 3700 | Progetti ta' l-Unjoni Ewropea | 6,800.00 | 23,958.25 | 23,958.25 | 23,958.25 | 23,958.25 | 95,833.00 |
| 3800 | Gemellaggi | 2,950.00 | 3,787.45 | 3,787.45 | 3,787.45 | 3,787.45 | 15,149.81 |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | 41,274.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7100 | Bini | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7200 | Titjib | 119,183.00 | 33,300.00 | 33,300.00 | 81,962.50 | 81,962.50 | 230,525.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 0.00 | 1,625.00 | 1,625.00 | 1,625.00 | 1,625.00 | 6,500.00 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 423,404.00 | 90,250.00 | 134,337.33 | 177,333.33 | 339,333.33 | 741,254.00 |
| | **TOTAL** | **1,354,327.16** | **393,107.26** | **440,739.94** | **528,853.10** | **700,761.78** | **2,063,462.09** |
| | **BILANĊ FAVUR / (KONTRA)** | (10,358.61) | (90,438.76) | (138,071.44) | (226,184.60) | (389,893.28) | (844,588.09) |
| | **X'KELLNA QABEL** | 959,924.00 | 949,565.39 | 859,126.63 | 721,055.18 | 494,870.59 | 949,565.39 |
| | **X'GHANDNA ISSA** | 949,565.39 | 859,126.63 | 721,055.18 | 494,870.59 | 104,977.31 | 104,977.31 |

**Noti:**